# MILL-EKU TAS-SENA INTERMEDJARJA

## MATTHEW ATTARD

Ninsab ġewwa *Modena*, belt fin-naħa ta' fuq tal-Italja. L-esperjenza tiegħi bdiet nhar it-28 t'Awwissu 2021. L-ewwel sfida li kelli kienet dik tal-lingwa, peress li ma tantx kont naf it-Taljan. Iżda fortunatament, sibt diversi persuni li għinuni nibda nifhem u nitkellem fi ftit taż-żmien.

Wieħed mill-impenji prinċipali tiegħi huwa mal-*Caritas Diocesana Modenese* li tgħin persuni żvantaġġjati, b'mod partikolari barranin li għaddejjin minn esperjenzi diffiċli. Wieħed mis-servizzi li toffri l-Caritas huwa dak tal-iskola tat-Taljan għall-barranin. Fl-ewwel xhur, jien ukoll kont nagħmel użu minn dan is-servizz. Illum ngħin f'din l-iskola, b'mod partikolari fit-traduzzjoni ta' bejn it-Taljan u l-Ingliż. Il-Caritas torganizza diversi attivitajiet sabiex tgħin lil dawk li huma esklużi mis-soċjetà fejn, f'kollaborazzjoni ma' NGOs oħra lokali, ħadet l-impenn li tqassam ikla lil numru ta' familji foqra. Apparti hekk, torganizza wkoll laqgħat għal dawn il-familji dwar diversi *life skills*.

Parti oħra mill-ħidma tiegħi hija fil-parroċċa. Matul il-ġimgħa l-parroċċa torganizza spazju fejn it-tfal jistgħu jiġu jagħmlu x-xogħol tal-iskola. Din isservi, sabiex it-tfal ma jibqgħux waħidhom id-dar kif ukoll isibu persuni li jistgħu jagħtuhom daqqa t'id fix-xogħol tagħhom. L-impenn tiegħi hu li ngħin lit-tfal fix-xogħol tal-Ingliż kif ukoll tal-Matematika.

Fil-parroċċa ngħin ukoll fil-katekiżmu. Kull ħmistax niltaqa' ma' grupp ta' katekisti sabiex inħejju l-laqgħat għat-tfal. Nhar ta' Ħadd wara l-quddiesa t-tfal jibqgħu flimkien mal-ġenituri tagħhom għall-katekiżmu. Jolqotni l-fatt li anke l-ġenituri jkunu preżenti għal dawn il-laqgħat u hekk it-tfal jibqgħu aktar attenti, filwaqt li jinħoloq djalogu bejn it-tfal u l-ġenituri fuq dak li jkunu tgħallmu.




## MARLON VICTOR BAJADA

Jekk ikolli niġbor f'sentenza waħda l-esperjenza li qed nagħmel *f'Toronto*, fil-Kanada, niddeskriviha bħala esperjenza li qed iddewwaqqni l-ħajja tas-saċerdot.

Qed ngħix f'parroċċa, u nvolut f'diversi gruppi taż-żgħażagħ u l-adolexxenti bil-għan li nqarbuhom aktar lejn Alla u nippreparawhom għall-ħajja. Qed ngħin fi grupp bl-isem ta' *RCIA* li jipprepara adulti biex jirċievu l-Magħmudija u hekk jissieħbu fil-Knisja Kattolika. Din hi esperjenza ġdida għalija u nimpresjona ruħi bil-ħeġġa għall-fidi li għandhom il-persuni li jattendu.

Fil-weekends, il-ħidma tal-parroċċa tkun impenjattiva u ddur mal-quddiesa tal-Ħadd. Jien għandi l-irwol li nlaqqa' lin-nies għall-quddiesa. B'dan il-mod qed ikolli ċans niltaqa' u nitkellem ftit man-nies, għaliex li tiltaqa' man-nies mhux faċli bħalissa minħabba l-*Covid*.

Esperjenza sabiħa oħra hi dik fl-iskejjel tal-knisja. L-irwol prinċipali tiegħi hu li nibni kuntatt mal-istudenti ta' dawn l-iskejjel kif ukoll li mmexxi lezzjonijiet ta' nofsiegħa jew ftit iktar dwar temi kurrenti li għandhom x'jaqsmu mal-fidi jew mal-Knisja.

L-esperjenza tiegħi fil-Kanada offritli ħafna opportunitajiet li nagħmel ċertu xogħlijiet li qatt ma għamilt jew inkella li s-soltu narahom bħala ħidma li l-qassis għandu jagħmel. Għalhekk din l-esperjenza qed tgħinni nkompli nagħraf x'inhu l-qassis fiż-żminijiet tal-lum u fl-istess ħin qed nara jekk Alla hux qed isejjaħli għal din it-triq jew le.



sem&u

April 2022
Ħarġa nru 20

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex 2155 6479
majorseminary@gozodiocese.org
www.sacredheartseminary.org.mt

# IS-SEMINARISTA LI KWAŻI TILEF IL-FIDI

*Gradwat fl-insurance, banking and finance, imma ddeċieda li jħalli l-karriera għal triq kompletament differenti.*

Wallace, ta' 21 sena gradwa fl-*insurance, banking and finance* u wara beda jaħdem ma' aġenzija tal-assigurazzjoni. Is-snin tiegħu fl-Università ta' Malta kienu mimlija b'esperjenzi sbieħ flimkien ma' sħabu imma kienu mmarkati ukoll min-nuqqas ta' fidi f'Alla kif qalilna hu stess: "Kelli xorti mmur il-quddies kull nhar ta' Ħadd, però kont nagħmel sforz u mmur."

Sentejn qabel beda l-kors fl-università, meta kellu 16-il sena, Wallace ġarrab it-telfa ta' missieru wara li kien marid għal xi żmien. Din kienet esperjenza diffiċli għalih, kif iddeskriva tajjeb hu stess: "Min jaf kemm il-mistoqsija saqsejt? Għaliex jien? Għaliex issa? Proprju fil-mumenti meta ħassejt li lil missieri għandi l-iktar bżonnu? Waħħalt ftit f'Alla b'din il-mewt."

Wallace jirrakkonta kif il-mewt ta' missieru waslitu ukoll biex japprezza l-affarijiet iż-żgħar tal-ħajja. Qalilna li apprezza ħafna l-eżempji sbieħ tal-ġenituri tiegħu b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi. B'mod partikulari jiftakar kemm il-ġenituri kienu jinkoraġġuh biex jattendi għall-quddiesa ta' kuljum, u hu kien imur anke jekk xi darba kien imur "ta' bilfors".

Il-mewt ta' missieru lil Wallace għenitu ukoll biex japprezza aktar il-preżent. Beda japprezza aktar il-persuni ta' madwaru – familja, ħbieb u oħrajn – u permezz tagħhom kien iħossu maħbub. Aktar ma għadda ż-żmien, din l-imħabba li kien qed jirċievi bdiet tfakkru f'Alla u hekk induna kemm Alla qed jagħtih imħabba permezz tal-oħrajn. Fi kliem ieħor: beda jara lil Alla fil-proxxmu.

Din l-iskoperta mlietu bil-ferħ u kurżità biex jiskopri aktar. Qalilna hekk: "indunajt li l-veru ferħ jinsab fiH u li fija kien hemm vojt li għadni ma skoprejtx x'inhu". Hawnhekk Wallace fittex l-għajnuna ta' direttur spiritwali u ftit ftit beda jiskopri li Alla qed isejjaħlu għal xi ħaġa speċjali. Wara żmien ta' tfittxija, fl-2019, Wallace ħalla x-xogħol tiegħu f'aġenzija tal-assigurazzjoni biex jibda l-formazzjoni tiegħu fis-Seminarju u llum jinsab fit-tieni sena tal-istudju.

Tiskanta kif mument diffiċli fil-ħajja ta' Wallace sar għalih okkażżjoni biex jiskopri l-isbaħ ħaġa: kemm Alla jħobbu. Min jaf x'inhu jgħidlek lilek Alla bl-esperjenzi li tgħaddi minnhom? Min jaf x'inhu jipprepara għalik, anke fil-mumenti diffiċli? Lest tfittex biex tiskopri dan?




**GĦIN LIS-SEMINARJU JKOMPLI L-MISSJONI TIEGĦU!**
Tista' tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot jew permezz ta' bank transfer:
**APS Account Number:** 2000162755-8
**IBAN Number:** MT27APSB77035008161820001627558
*Grazzi tal-ġenerożita' tiegħek!*

# MILL-GĦATBA ’L ĠEWWA...

It-Tnejn 10 ta’ Jannar is-seminaristi reġgħu lura s-Seminarju wara jiem ta’ vaganzi.

Nhar il-Ġimgħa 14 ta’ Jannar id-djaknu Gabriel Vella u s-seminarista Matthew Bajada ressqu t-talba tagħhom lil Mons. Isqof għall-Ordinazzjoni Presbiterali u Djakonali tagħhom.

F’Ħadd il-Kelma ta’ Alla, 23 ta’ Jannar, is-seminaristi Matthew Borg u Franklin Micallef irċivew il-ministeru tal-Lettorat mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta’ Għawdex, fis-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta’ Ġesù, il-Fontana.



L-ewwel semestru ġie fi tmiemu l-Erbgħa 3 ta’ Frar, fejn sar l-eżami tal-kuxjenza bħala parti mill-Pjan Pastorali Djoċesan. F’dan il-jum ġiet imbierka l-ikona tad-dixxipli ta’ Għemmaws, li ġiet miktuba minn Daniel Mercieca Pavia.

Bejn il-Ħamis 4 u s-Sibt 6 ta’ Frar is-seminaristi kellhom xi jiem ta’ mistrieħ Malta, fejn saru xi esperjenzi, fosthom fil-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin.



Nhar l-Erbgħa 9 ta’ Marzu fis-Seminarju tagħna saret żjara mill-komunità tas-Seminarju ICPE li jinsab f’Tal-Virtù, Malta.



Il-komunità tas-Seminarju attendiet għal jum ta’ seminar dwar id-dipendenzi, li tmexxa minn Dun Joseph Farrugia fis-Seminarju ta’ Malta, nhar is-Sibt 12 ta’ Frar.



Il-Ġimgħa 18 ta’ Frar l-abbatini minn Form 3 ’il fuq tal-Parroċċi tax-Xagħra, ix-Xewkija u ż-Żebbuġ ġew mistiedna għal mument ta’ adorazzjoni u għall-ikel flimkien mas-seminaristi.



Nhar it-Tlieta 1 ta’ Marzu saret l-aħħar żjara uffiċjali fis-Seminarju tagħna min-Nunzju Appostoliku Mons. Alessandro D’Errico, li sejjer jispiċċa s-servizz tiegħu f’Malta fil-ġimgħat li ġejjin.

Fit-2 ta’ Marzu, l-Erbgħa tal-Irmied, beda ż-żmien tar-Randan Imqaddes. Filgħodu saret it-Tħabbira tar-Randan mir-Rettur il-Kan. Richard N. Farrugia fil-Kappella tas-Seminarju.

Matul iż-żmien tar-Randan il-komunità kellha mumenti partikulari ta’ talb, sawm u karità bl-għan li kull seminarista jgħix dan iż-żmien tar-“Rebbiegħa spiritwali tar-ruħ”. Il-Ġimgħa kienet issir adorazzjoni li kienet tinkludi l-adorazzjoni tas-salib fuq stil ta’ Taizè, u inizjattivi ta’ għajnuna lill-persuni fil-bżonn.



L-Erbgħa 9 ta’ Marzu l-komunità tas-Seminarju qamet maħsuda bil-mewt ta’ Patri Tony Sciberras MSSP li serva bħala Rettur tas-Seminarju tagħna bejn Jannar 2015 u Ġunju 2016. Is-Sibt 12 ta’ Marzu numru ta’ seminaristi attendew għall-funeral ta’ Fr Tony fil-Mosta.

Bejn il-Ħamis 24 u s-Sibt 26 ta’ Marzu sar Live-in għall-Grupp tal-Vokazzjonijiet 18+ tad-Djoċesi tagħna. Il-Ġimgħa 25 ta’ Marzu l-abbatini minn Form 3 ’il fuq tal-Parroċċi Ta’ Sannat, ta’ San Ġorġ u tal-Katidral ġew mistiedna għal mument ta’ adorazzjoni u għall-ikel flimkien mas-seminaristi.

Is-Sibt 2 ta’ April il-komunità tagħna kienet preżenti sabiex tilqa’ lill-Q.T. il-Papa Franġisku flimkien mal-komunità Nisranija f’Ta’ Pinu. Imbagħad il-Ħadd 3 ta’ April is-seminaristi taw servizz waqt il-quddiesa li tmexxiet mill-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana. Wara, ġewwa n-Nunzjatura Appostolika ġewwa tal-Virtù, is-seminaristi ta’ Malta u Għawdex kellhom laqgħa mal-Papa Franġisku.



Is-seminaristi jirritornaw is-Seminarju wara l-waqfa tal-vaganzi tal-Għid nhar it-Tnejn 24 ta’ April.

IL-KOMUNITÀ TAS-SEMINARJU tawgura

*l-Għid it-Tajjeb*

lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha.

## MESSAĠĠ *mir-Rettur*

### DUN RICHARD-NAZZARENO FARRUGIA

Il-bitħa tas-Seminarju, bl-istatwa ta’ San Pawl f’nofsha, hija spazju li jservi mhux biss bħala daħla għas-seminaristi u dawk kollha li huma involuti fil-formazzjoni tagħhom, iżda wkoll għal bosta persuni oħrajn. Fost dawn għandna l-membri Kattoliċi ta’ lingwa Ingliża, il-membri Nsara tal-komunità Anglikana u l-membri Ortodossi Serbi, li jattendu regolarment għal-liturġiji rispettivi tagħhom ġewwa l-Kappella tas-Seminarju (jew is-Sala minħabba d-distanza soċjali). Minbarra dawn, hemm ukoll persuni oħrajn li jiġu jitolbu l-għajnuna jew isaqsu għal xi informazzjoni marbuta b’xi mod jew ieħor mal-Knisja. Ma jonqsux ukoll it-turisti li huma u għaddejjin spiss tegħlibhom il-kurżità u jidħlu ġewwa fil-bitħa u mhux l-ewwel darba li jieħdu xi ritratt jew tnejn ma’ San Pawl! Hekk fiċ-ċokon u s-sempliċità tagħha, il-bitħa tas-Seminarju sservi ta’ spazju bejn l-istess Seminarju u t-triq, jew bejn “id-dinja ta’ ġewwa” u “d-dinja ta’ barra”.

Hekk kif il-Knisja qed tiġi msejħa sabiex tkun dejjem aktar dar “ospitali”, bil-bibien miftuħin li tilqa’ lil kulħadd u toffri esperjenza ta’ mħabba, maħfra u konverżjoni, hekk ukoll is-Seminarju jinsab f’riflessjoni kontinwa biex jara kif għandu jwieġeb għal din is-sejħa u jgħin fil-formazzjoni tas-saċerdoti ta’ għada. Nammetti li m’hemmx tweġibiet ċari fuq x’inhija t-triq ’il quddiem, imma hemm disponibilità sabiex inħallu lil Mulej ikompli jurina kif nilqgħu u nwasslu l-bxara t-tajba tal-Evanġelju fil-kuntesti ta’ żmienna. Żgur li l-“preżenzi” li semmejt qabel huma opportunità biex nikbru fir-rabta tagħna ma’ ħutna l-Insara u mal-“barrani” u l-“fqir”, u nagħmlu minn dawn il-laqgħat – programmati jew mhumiex – mumenti ta’ formazzjoni biex tissawwar qalb saċerdotali li kapaċi tkun qrib il-bnedmin kollha, imħeġġa mill-eżempju tal-Appostlu tal-ġnus.

Minn qalbi nirringrazzja lilkom benefatturi li bit-talb u bil-karità tagħkom tagħmluha possibli biex il-bibien tas-Seminarju jibqgħu miftuħin u akkoljenti u jkomplu jservu ta’ spazju fejn il-Mulej jista’ jkellem u jmiss il-qalb ta’ kull min jidħol, ibda minn dik tas-seminaristi u tagħna s-saċerdoti li nakkumpanjawhom. Il-Mulej ibierek dejjem il-ġenerożità tagħkom!

## SAMUEL AQUILINA — MILL-EKU TAS-SENA INTERMEDJARJA

Fil-bidu tal-formazzjoni tiegħi fis-Seminarju, is-sena intermedjarja kont ħafna ’l bogħod. Però ż-żmien jaħrab! Dan wassalni biex nirrifletti dwar iż-żmien u napprezza aktar il-valur tiegħu. Il-kittieb Ingliż J.R.R. Tolkien, fl-ewwel volum tat-triloġija *The Lord of the Rings* jikteb: “Kulma rridu nagħmlu hu li niddeċiedu x’għandna nagħmlu bil-ħin li jingħatalna.” Hekk qed nipprova nagħmel jien f’dan iż-żmien “qasir” tas-sena intermedjarja.

Qed ngħix ġewwa d-Djoċesi ta’ *San Benedetto del Tronto – Ripatransone – Montalto*, fin-naħa t’isfel tar-reġjun *Le Marche* fl-Italja. Qiegħed nagħti s-servizz tiegħi ġewwa unità pastorali ta’ żewġ parroċċi – *Sacro Cuore di Gesù u Regina Pacis* – f’post jismu *Centobuchi* ġewwa *Monteprandone*, li bejniethom jammontaw għall-11,000 ruħ. Din l-unità pastorali hija mmexxija minn żewġ saċerdoti, Dun Armando Moriconi u Dun Matteo Calvaresi, li jiena ngħix flimkien magħhom ġewwa d-dar parrokkjali.

F’dawn iż-żewġ komunitajiet li qed jilqgħuni, jiena ngħin fil-katekiżmu. Fiż-żewġ parroċċi, flimkien mal-katekisti, qed nakkumpanja żewġ gruppi ta’ żgħażagħ ta’ madwar 15-il sena, li qed jitħejjew sabiex jirċievu l-Griżma tal-Isqof. Barra minn hekk insegwi wkoll tliet gruppi oħra; wieħed tal-adolexxenti ta’ 14-il sena, ieħor ta’ adolexxenti ta’ 12-il sena u l-ieħor ta’ tfal ta’ 9 snin. Barra minn hekk nagħti servizz fil-Liturġija. Nagħmel ukoll xi xogħol fl-uffiċċju parrokkjali. Xi drabi ngħin ftit ukoll fil-Caritas tal-parroċċi.

Żgur li din l-esperjenza tas-sena intermedjarja qed tiswieli biex napprezza l-ħin u nagħmel minnu li nista’. Il-Mulej jislifna ż-żmien, imma jiddependi minna biex dan il-ħin mogħti lilna nużawh għall-ġid tagħna u tal-oħrajn.

